# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 13 ta' Ottubru, 2016**

**Talba Nru: 128/2016/VG**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali**

**Vs**

**Marisa Osthus**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mid-Direttur Generali tas-Sigurta Socjali nhar is-6 ta' April, 2016** u li permezz taghha talab il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' seba' mija tlieta u tmenin euro u tletin centezmi ta' euro [€783.30] u dan wara li ppremetta hekk:

> "Ms. Marisa Osthus naqset milli tirrapporta li kienet hadet l-istat ta' mizzewga u li b'hekk ma baqatx intitolata ghall-assistenza socjali.

In kwantu, Ms Marisa Osthus kienet thallset zejjed u indebitament bhala ghajnuna socjali l-ammont globali ta' seba t'elef hames mija, tlieta u sittin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€7563.27), ghall-perjodu mid-disgha (9) ta' April tas-sena elf, disa mija, erbgha u disghin (1994) sal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Awssu tas-sena elf, disa mija sitta u disghin (1996). Minn liema ammont baqa seba mija tlieta u tmenin Ewro u tletin centezmu (€783.30) pendenti.

Ms. Marisa Osthus kienet accetat li dan il-hlas huwa dovut minnha, permezz tad-dokument hawn anness u mmarkat DSS 1, liema dokument kien gie iffirmat bil-gurament minn ghandha stess u b'hekk jidher illi kienet accetat l-informazzjoni kontenuta fih"

Ra li fis-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal fid-29 ta' Settembru, 2016 kienet dehret l-intimata u uriet lit-Tribunal ricevuta datata 27 ta' Settembru, 2016 fl-ammont ta' €783.30 mahruga mid-direttur rikorrenti.

Ra n-nota pprezentata mir-rikorrenti fid-29 ta' Settembru, 2016 li permezz taghha, filwaqt li huwa ceda s-sorte, zamm ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ra l-verbal tal-lum stess fejn wara li t-Tribunal sema x'kellhom xi jghidu l-partijiet ghar-rigward tal-kap ta' l-ispejjez huwa ghadda biex jaghti s-sentenza tieghu fuq dan il-punt.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra;

1. Il-kwistjoni li fadallu jiddeciedi t-Tribunal huwa dwar il-kap ta' l-ispejjez u dan stante li s-sorte kien gie mhallas fil-mori ta' dawn il-proceduri mill-intimata.

2. Fis-seduta tal-lum, Ivan Cilia, r-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali pprezenta kopja ta' ittra ufficjali datata 19 ta' Lulju, 2013 u li giet notifikata lill-intimata fis-27 ta' Lulju, 2013 (dok. DSS1). F'din l-ittra d-direttur rikorrenti kien talab il-hlas minghand l-intimata tas-somma ta' €783.30 li huwa l-ammont li kien reklamat f'dawn il-proceduri bhala sorte.

3. L-intimata da parti taghha, llum stess, ikkonfermat li hija kienet rceviet din l-ittra u gharfet il-firma taghha fuq it-tieni faccata ta' dan id-dokument.

4. L-ammont ta' €783.30c thallas mill-intimata fis-27 ta' Settembru, 2016 skont ma turi l-ircevuta pprezentata mid-difensur tar-rikorrenti llum stess.

5. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta li d-direttur rikorrenti kien gustifikat iressaq dawn il-proceduri u li l-intimata ghandha thallas l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri.

6. Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi prevja li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba fil-mertu stante li din giet ceduta permezz ta' nota datata 29 ta' Settembru, 2016 qieghed jilqa t-talba ghar-rigward ta' l-ispejjez u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-intimata thalla lid-direttur rikorrenti l-ispejjez kollha in konessjoni ma dawn il-proceduri, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 19 ta' Lulju, 2013 (Ittra ufficjali numru 2139/13).

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**